MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Numru 65/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)
VS
Gaetano Cuschieri

Illum 17 ta' Gunju 2005.

IL-QORTI

Rat ic-citazzjoni migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fit-12 ta' April 2004 fil-Hamrun, bejn is-7.00pm u l-10.00pm, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Dr David Farrugia Sacco LLD, Charles Azzopardi, Carmel Camilleri u Anthony Pace, weggaghhom jew ingurjahom gravament bi kliem, b'gesti, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni, biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Dr David Farrugia Sacco, Charles Azzopardi Carmel Camilleri u Anthony Pace, biex flimkien

mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Gaetano Cuschieri b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti u semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu u l-provi prodotti minnu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni u l-partijiet civili.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet tal-akkuzat.

Rat dak verbalizzat mill-istess Qorti waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2005 meta l-istess Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza minhabba l-fatt li fl-ahhar paragrafu tal-akkuza in ezami jinghad illi l-akkuzat ghandu jidher quddiem din il-Qorti bhala wahda Struttorja.

Rat in-nota tal-Kummissajru tal-Pulizija dwar dak li ghadu kemm gie premess kif ukoll semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-akkuzat dwar l-istess punt.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi wara li l-istess Qorti qieset :
1. Illi l-akkuza in ezami hi ta' kompetenza ta' din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali u
2. Illi l-izball in ezami hu manifestament 'lapsus calami' anzi zball fl-istampa tal-akkuza in ezami permess tal-'computer', tali zball ma jidhirx li hu ta' natura sostanzjali u ta' tali gravita li ghandu jirrendi l-proceduri kollha nulli.

Ghalhekk il-Qorti tiddikjara illi dawn il-proceduri huma fis-sustanza <u>validi</u> ghal kull effett u fini fil-ligi.
.
<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dan premess kif rizultanti mill-kwerela tal-partijiet, esebita a fol 8 tal-atti, il-persuni hemm indikati bhala

kwerelanti kienu ssottomettew ilment fil-konfront tal-akkuzat a bazi tal-artikolu 252 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi gie allegat li l-akkuzat/kwerelat fil-jum tat-12 ta' April 2004 fil-Hamrun, bejn is-1900 u l-2200 bi kliem, ingurja u insolenta lil partijiet civili, l-avukat Dottor David Farrugia Sacco, Charles Azzopardi, Carmel Camilleri u Anthony Pace. Jigi nnotat li l-istess kwerela ggib id-data tat-30 ta' Gunju 2004 ossija oltre xahrejn mid-data tal-incident in ezami ( ara wkoll is-sentenza preliminari moghtija fl-24 ta' Settembru 2004 a fol 16 ibid).

Illi in sostenn tal-istess kwerela xehedu l-istess partijiet civili u Kevin Bonello. Minn dawn ix-xhieda jidher li fit-12 ta' April 2004 kienet saret laqgha tal-kumitat tista tghid kollu tal-kazin tal-banda involut liema laqgha jidher li kienet qed tinzamm ghal skopijiet dixxiplinari vis-a-vis membri tal-istess kazin. Fost in-nies li deheru quddiem il-kumitat kien hemm il-kwerelat u dan, skond kif xehedu dawn il-persuni, indirizza kliem fil-konfront tal-kumitat kollu ossija "qed inhossni qiesni kriminal quddiem il-pulizija kriminali fin-1983" jew kliem li fis-sustanza jiftiehem f'dan is-sens. Jigi nnotat illi xhud tad-difiza, Keith Micallef, li kien presenti waqt l-istess laqgha, iddeskriva l-agir tal-kwerelat, waqt li dan qal lil kumitat kollu il-kliem "qieskom tal-'83", bhala aventi ton sarkastiku u b'nofs dahka.

Illi l-akkuzat meta xehed cahad li kien qal il-kliem "kriminali" jew "pulizija" u sostna li kien qal biss "Qed inhossni mdawwar bhan-1983" jew kliem iehor f'dan is-sens. In oltre kien sar tentattiv ta' intimidazzjoni fil-kwistjoni li wasslet sabiex l-istess kwerelat jiffirma l-ittra li tinsab a fol 21 tal-atti. Fl-istess ittra jinghad li hu bl-ebda mod ma ried joffendi, jingurja jew inaqqas il-kredenzjali tal-membri tal-kumitat presenti u f'kaz li xi hadd minnhom hassu offiz hu testwalment qal "... naccerta li dan ma kienx l-ispirtu tal-kummenti tieghi". Jidher pero, li din l-intimidazzjoni ma kellhiex success.

Illi fil-fatt, l-intier ta' dan kollu, jidher li kien li diversi membri tal-kazin sfaw sospizi, imkeccijin u sussegwentement reintegrati hlief ghall-kwerelat li ma jidhirx li gie reintegrat bhala membru.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi mill-provi jidher li l-kumitat kien iltaqa sabiex jikkunsidra passi dixxiplinari kontra numru ta’ membri, fosthom il-kwerelat u dan talli kienet inzammet laqgha f’post iehor fejn gew diskussi diversi affarijiet, liema fatt jindika b’mod car il-qasma li hemm fl-istess kazin.
<u>Ikkunsidrat</u>
Illi meta l-Qorti qieset il-provi prodotti ma kellha ebda ddubbju li l-kliem kif hawn fuq premess kien intqal mill-kwerelat fil-konfront tal-membri tal-kumitat li kienu presenti u li minnhom erbgha biss ghazlu li jittiehdu dawn il-proceduri.
Illi jidher wkoll illi l-kliem li ntuza mill-kwerelat huma <u>malafamanti</u> minhabba li l-istess kwerelanti gew paragunati, <u>ghall-agir notorjament maghruf ta’ xi membri tal-korp tal-pulizija fil-konfront ta’ persuni arrestati anke irragene-volment.</u>
Illi ghalhekk il-kwerelat, li jidher li kellu esperjenza ta’ tali agir, ried jindika li l-kumitat kien qed jagixxi bl-istess mod u ghalhekk ghandu jinstab hati talli uza kliem ingurjuz skond l-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat hati tali fit-12 ta’ April 2004 fil-Hamrun, bejn is-7.00pm u l-10.00pm, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dr David Farrugia Sacco LLD, Charles Azzopardi, Carmel Camilleri u Anthony Pace, weggaghhom jew ingurjahom gravament bi kliem, b’gesti, b’disinji jew b’xi mod iehor.

U dan skond l-artikolu 252 (1) tal-Kodici Kriminali. In rigward il-piena wara li kkunsidrat illi l-istess akkuzat kien dispost li <u>jirtira</u> l-kliem in ezami kif rizultanti mill-ittra ffirmata minnu u li tinsab a fol 21 tal-atti, il-kontenut ta’ liema ittra pero ma jidhirx li, ghal xi raguni, kien gie accettat mill-parti opposta, u wara li rat l-isfond ta’ dan il-kaz, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u timponi biss piena pekunjarja.

Ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ LM30 (tletin lira maltin multa)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------